MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2192/2004

**Assocjazzjoni EAN Malta**

**vs**

**G & M Deguara Catering Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm582.40) rapprezentanti "membership fees" dovuti lilha ghas-snin 2003 u 2004 illi baqghu ma thallsux u dan nonostante illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas (Dok.A);**
**L-Assocjazzjoni attrici qed titlob ukoll l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mill-gurnata tal-fatturi relattivi hekk kif jirrizultaw fuq l-anness prospett immarkat Dok.B sad-data tal-hlas effettiv;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-15 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess assocjazzjoni stante illi l-ebda ammont m'huwa dovut u dan kif ser jigi pruvat waqt il-kors tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Margaret Abela, Joseph Tanti, George Deguara u Carmel Sciriha. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ghal membership fees ghas-snin 2003 – 2004. Jirrizulta illi l-assocjazjoni attrici taghti servizz billi taghti lin-nies "barcodes" fuq liema hi thallas mizata lill-assocjazzjoni nternazzjonali.**

**2. jirrizulta illi meta klijent japplika, jimla applikazzjoni fejn hemm l-istatut ta' l-assocjazzjoni.**

**3. l-istatut jipprovdi illi jekk wiehed irid jittermina s-shubija tieghu fl-assocjazzjoni hu jrid jibghat ittra registrata u dana kif jipprovdi l-artikolu 7 ta' l-istess statut. Statut, dok.Y.**

**4. jirrizulta illi fis-sena 2003 is-socjeta konvenuta hallset sittin lira (LM60) meta l-ammont dovut ghal dik is-sena kien ta' mitejn sebgha u tmenin lira u hamsin centezmu (LM287.50).**

**5. Jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ma hallsitx ir-rimanenti bilanc ghas-sena 2003 u lanqas ma hallset l-ammont ta' mitejn hamsa u disghin lira (LM295) bhala hlas ghas-sena 2004.**

**6. Jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut u ta' Charles Sciriha, awditur tas-socjeta' konvenuta, illi il-hlas in parte ghas-sena 2003 kien sar u ntbaghtet ir-ricevuta datata 18 ta' Dicembru 2003. L-awditur jikkonferma ukoll illi fis-sbatax ta' April 2003 hu baghat ittra lill-assocjazzjoni attrici sabiex jittermina s-servizz.**

**7. skond ma xehdet Margaret Abela ghall-assocjazzjoni attrici huma jhallsu l-licenzja lill-EAN**

**International u din tithallas bil-quddiem. Margaret Abela tichad li qatt ma rceviet l-ittra tas-sbatax ta' April 2003 pero' tikkonferma li rceviet l-ittra ta' l-ghaxra ta' Mejju 2004 li fiha hemm referenza ghall-ittra tas-sbatax ta' April 2003.**

**8. fic-cirkostanzi it-Tribunal hu sodisfatt illi definittivament ma hemm ebda ammont dovut ghas-sena 2004 u li ghalhekk dak illi ghandu jigi kkunsidrat huwa il-bilanc ghas-sena 2003. Fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta illi ntbaghtet l-ittra tas-sbatax ta' April 2003. Jirrizulta ukoll illi l-assocjazzjoni attrici ghandha obbligi ma l-assocjazzjoni internazzjonali. Dana kollu jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi illi is-socjeta konvenuta ghandha thallas lill-assocjazzjoni attrici il-bilanc dovut fuq is-sena 2003 u dana fl-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (LM227.50).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (LM227.50) kif fuq inghad u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil-assocjazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (LM227.50), u dana bl-imghax mill-ewwel ta' Jannar 2003.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------